MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 559/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fl-1 ta' Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006) (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Patrizia Mallia fis-26 ta' April tas-sena 2010 (Ara Dok. B), izda ilhom jghixu separatament minn Novembru tas-sena 2009;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment stante l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament skond klawzola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha eccepixxa :

Illi huwa minnu illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fl-1 ta’ Mejju tas-sena elfejn u sitta (2006), u li minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi huwa minnu li l-partijiet huma separati legalment permezz ta’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Patrizia Mallia fis-26 ta’ April tas-sena 2010 u li l-partijiet ilhom jghixu separatament minn Novembru tas-sena 2009;

Illi jaqbel li m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati de facto ghal dawn l-ahhar erba’ (4) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Novembru, 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta’ April 2010;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------